

DEĊIŻJONI Nru 5/2014 TAL-KUMITAT TAL-KUMMERĊ BEJN L-UE, IL-KOLOMBJA U L-PERÙ**tas-16 ta' Mejju 2014****Stabbiliment ta' Grupp ta' Esperti dwar kwistjonijiet koperti mit-Titolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, imsemmi fl-Artikolu 284(3) tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra [2015/1049]**

IL-KUMITAT TAL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), iffirmit fi Brussell fis-26 ta' Ġunju 2012, u b'mod partikolari l-Artikolu 284(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 284 tal-Ftehim jipprovdli li Parti tista' titlob li Grupp ta' Esperti jitlaqqa' sabiex jeżamina kwistjoni ta' żvilupp sostenibbli u ta' kummerċ li ma tkunx ġiet indirizzata b'mod sodisfaċenti permezz ta' konsultazzjonijiet tal-gvern skont l-Artikolu 283 tal-Ftehim.
- (2) Fl-ewwel laqgħa tiegħu l-Kumitat tal-Kummerċ għandu jadotta lista ta' mill-anqas 15-il persuna b'għarfien espert dwar kwistjonijiet koperti mit-Titolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli.
- (3) Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu l-awtorità esklussiva li jevalwa u jadotta deċiżjonijiet kif previst fil-Ftehim dwar kwalunkwe suġġett li jiġi riferut lilu mill-korpi speċjalizzati stabbiliti skont il-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

1. Il-listi ta' individwi li jistgħu jservu bħala esperti għall-finijiet tal-Artikolu 284 ta' dan il-Ftehim huma stipulati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Ottubru 2014.

Magħmul f'Lima, is-16 ta' Mejju 2014.

*Il-Ministru tal-Kummerċ, l-Industrija
u t-Turiżmu tal-Kolombja*
Cecilia ÁLVAREZ-CORREA

Għall-Kumitat tal-Kummerċ
Il-Kummissarju għall-Kummerċ
tal-Kummissjoni Ewropea
Karel DE GUCHT

Il-Ministru għall-Kummerċ Barrani
u t-Turiżmu tal-Perù
Blanca Magali SILVA VELARDE-ÁLVAREZ

ANNEX

LISTA TA' ESPERTI MSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 284(3) TAL-FTEHIM*Lista ta' esperti*

1. Claudia Martínez
2. Carlos Costa Posada
3. Enrique Borda Villegas
4. Katerine Bermúdez
5. Eddy Laurijssen
6. Jorge Cardona
7. Hélène Ruiz Fabri
8. Geert Van Calster
9. Jorge Mario Caillaux Zazzali
10. Rosario Gómez Gamarra
11. Jorge Toyama Miyagusuku
12. Alfonso de los Heros Pérez Albela

Presidenti

1. Robert McCorquodale
 2. Dane Ratliff
 3. Jill Murray
 4. Arthur Edmond Appleton
 5. Maryse Robert
 6. Orlando Pérez Gárate
-